MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 289/2014

**Paul Bonnici and Son Ltd**
**C 52246**

**Vs**

**Aphrodite Ltd. u Andrew Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' April, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' tlett elef tlett mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,351.72) rapprezentanti prezz ta' numru ta' konsenji ta' xorb u prodotti tal-ikel li s-socjeta' attrici ghamlet fil-hanut maghruf bhala 'Salvino's Restaurant' gewwa Triq l-Arcisqof, il-Belt Valletta, matul il-perjodu bejn April 2012 u Settembru 2012, liema konsenji saru fuq inkarigu tal-konvenut Andrew Pace, impjegat tas-socjeta' konvneuta Aphrodite Ltd ghal beneficcju tal-konvenuti, danna skont l-anness statement of account u l-fatturi hawn annessi markati Dok A u Dok B1 sa Bok 19.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja datata 30 ta' Ottubru, 2013 u l-ittra gudizzjarja datat 3 ta' Frar, 2014 bl-imghax legali mid-29 ta' Ottubru, 2012 (id-data tal-ahhar konsenja) sad-data tal-pagament effettiv, kontra l- konvenuti jew minn minnhom, bl-ingunzjoni tal-istess in subizzjoni.

Is-socjeta' konvenuta pprezentat risposta fit-13 ta' Gunju, 2014 fejn accepiet illi preliminarjament, is-socjeta' Aphrodite Ltd. mhijiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta' rikorrenti u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi s-socjeta' esponenti qatt ma dahlet fl-ebda negozju jew trattativ mas-socjeta' rikorrenti u b'hekk  it-talba tas-socjeta' rikorrenti qatt ma' tista tigi akkolta fil-konfront tas-socjeta' esponenti.

Illi jekk semmai jirrizulta li s-somma reklamata jew parti minnha hi dovuta din ghandha tkun dovuta mill-konvenut l-iehor, Andrew Pace.

Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost, f'kull eventwalita' is-socjeta' rikorrenti trid tipprova kull somma pretiza permezz ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut Andrew Pace ipprezenta rispostafit-30 ta' Gunju, 2014 fejn eccepixxa:

1. Illi l-esponenti mhuwiex il-legittimu kuntradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu kien biss impjegat tas-socjeta' Aprodhite Limited (C37308) li da parti taghha kienet tiggestixxi ir-restaurant Salvino's u dejjem agixxa f'isem l-istess socjeta';

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal sema lix-xhud Francis Sullivan in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Xehed u spjega illi l-konvenut Andrew Pace kien impjegat mieghu bhala chef. Kienu Ftehmu wkoll illi minbarra s-salarju ta' chef kellu jircievi wkoll 25% tal-bejgh tal-hanut. Il-ftehim kien illi Andrew Pace kellu jmexxi l-hanut u ntuza l-kliem "Hawn halli kollox f'ideja."

Minkejja dan is-socjeta' konvenuta Aphrodite kienet taf li qed ikollha l-kontijiet ma Paul Bonnici and Son Ltd u dan ghar-raguni li diga kien hemm kontijiet ohra pendenti ma Paolo Bonnici Ltd.

Ix-xhud Paul Bonnici rapprezentant tas-socjeta' attrici xehed u spjega ili kien diga tkellem ma Francis Sullivan li kien infurmah li kien ser ihallsu. Jigifieri tratti bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta'

attrici kien hemm. U dan anke qabel ihalas il-kont mitlub f'din il-kawza u cioe' meta kien ghad hemm il-kont pendenti mal-Kumpanija Paolo Bonnici Limited.

Il-kumpanija attrici f'dan il-kaz ma nghatatx l-impressjoni illi Andrew Pace kien qed jagixxi fismu personali anzi kienet taf illi s-sid tar-restaurant Salvino's kienet Aphrodite Ltd.

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma li s-socjeta' konvenuta Aphrodite Ltd kienet taf bid-dejn li ghamel Andrew Pace u ma hadet ebda azzjoni biex tikkontrolla lill-impjegat taghha.

Ghalhekk it-Tribunal li huwa sodisfatt illi l-ammont huwa rejalment dovut u ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Aphrodite Ltd u jikkundanaha thallas is-somma ta' tlett elef tlett mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,351.72) lis-socjeta' attrici bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. Filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilliberah.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' Aphrodite Ltd.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------